**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 405/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 11**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS 1501**

**Vs**

**Margaret Camilleri (558359M)**
**176, Omega,**
**Triq San Martin,**
**Zurrieq**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut l-hlas ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€722.43c) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici il konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC10158149.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt; li s-somma mitluba mis-socjeta' GO plc u cioe' din ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€722.43c) ma humiex dovuti; li l-konvenuta tirrileva li hija infurmat lis-socjeta' attrici kemm-il darba li ma tridx iggedded is-servizzi.

Ra l-affidvit ta' Mary Anne Camilleri ufficjal mad-Dipartiment tal-Credit Control mas-socjeta' attrici li spjega ghal xhiex kienu dawn is-servizz u li l-ammont ghadu dovut. Hija spjegat ukoll li fid-19 ta' Jannar, 2015 il-konvenuta rritornat uhud mill-apparat proprjeta' tas-socjeta' attrici u l-bqija tal-apparat irritornatu fis-17 ta' Gunju, 2015 u li skont Dok B3 ( fol 9 et) jirrizulta li fid-19 ta' Jannar, 2015 il-konvenuta esprimiet l-intenzjoni li taghmel 'porting out' tal-linja ta' telefonija fissa u li ghalhekk sad-19 ta' Jannar, 2015 il-konvenuta kien ghad kellha s-servizzi u dan ghaliex klijent ma jista jaghmel 'porting out' ta' servizzi li ma jkunux attivi. Tali 'porting out' ma sehhitx u dan x'aktarx minhabba li kien ghad baqa' bilanci dovuti lis-socjeta' attrici. Is-servizzi gew itterminati fid-19 ta' Jannar, 2015 cioe' dak inhar li l-konvenuta irritornat uhud mill-apparat lis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda viva voce (fol. 86 et) tal-konvenuta li permezz taghha hija xehdet li l-kuntratt li kellha mas-socjeta' attrici skada fis-16 ta' Gunju, 2014 u ftit qabel hija kienet irceviet ittra f'Mejju minghand l-istess socjeta' tinfurmaha li l-kuntratt taghha kien ser jiskadi fl-24 ta' Gunju. Kopja ta' din l-ittra ma kellhiex. Tghid li cemplitilhom biex tavzahom li ma kienet ser iggedded il-kuntratt fil-customers service number li kien hemm fuq l-ittra. Imbaghad irceviet ittra ohra fit-23 ta' Gunju, 2014 tinfurmaha li kien ghadu ha jaghlaq il-kuntratt u li s-servizz tal-'home pack' ma ghadux aktar disponibbli u qalulha b'offerta ohra. Hija tikkonferma li dejjem bit-telefon ikkomunikat maghhom ghax huma qalulha li bit-telefon bizzejjed. Baqghet tircevi l-kont kull xahar u f'Lulju cemplitilhom biex tfakkarhom li kienet cemplitilhom li ma riedetx testendi l-kuntratt u kienu qalulha 'all right'. F'Awwissu nizlet il-fergha ta' Rahal Gdid tas-socjeta' attrici u is-CSR li kien hemm qaltilha 'all right issa naghmel nota' izda xorta baqghet tircevi l-kont kull xahar u baqghet iccempel kull xahar u meta staqsiehtom biex jghidulha fejn hija

ffirmat kuntratt gdid Dok MC 2 ( fol 91) u lilha ma qallilha hadd biex tiehu l-apparat. Kien certu Alessio Galea li qallilha li suppost tiehu l-apparat u hija qaltlu li ilha ccempel dawn ix-xhur kollha u hadd ma qallilha hliefu li trid tirritorna l-kaxxi u hekk ghamlet u qaltlu li hija lesta thallas sa Gunju izda mhux aktar.

In kontro-ezami hija xehdet li darba marret fil-fergha tas-socjeta' attrici f'dik ta' Rahal Gdid u dan kien f'Awwissu. Meta murija dok MC1 esebit minnha stess a fol 90 fejn hemm miktub li jekk ma jisimghux minghandha qabel it-30 ta' Gunju, 2014 huma ser ikomplu joffru is-servizzi, hija xehdet li kienet ilha ccempel sa minn Gunju u ammettiet li bil-miktub hija ma baghtet xejn. Hija kkonfermat l-firma taghha fol 9 u 10 ta' meta hija rritornat l-kaxxi u hemm miktub 'home pack expired 16th June did not confirm any other service' u dan ifisser li hija ghamiltilhom cara.

It-Tribunal ddikjara l-provi maghluqa tal-konvenuta wara li fis-seduti tal-04 ta' Lulju, 2017 u tad-29 ta' Settembru, 2017 naqset li tidher u taghlaq il-provi taghha.

Ikkunsidra

Dan huwa kaz fejn jekk il-konvenuta hija obbligata thallas ghas-servizzi tal-GO wara li skadielha l-kuntratt fis-16 ta' Gunju, 2014 kif jirrizulta minn fol 9. Il-konvenuta tghid li hija infurmathom bit-telefon kemm-il darba lil customer care tas-socjeta' attrici filwaqt li s-socjeta' attrici tikkontendi li ebda talba bil-miktub ma saret u ghalhekk ma hemmx prova li hija ta' dak li qed tallega l-konvenuta.

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal-kuntratt li kellha l-konvenuta mas-socjeta' attrici u li minn fol 90 jirrizulta car li tali kuntratt jghid hekk: *"Jekk ahna ma nisimghux minghadek sa din id-data (*cioe' sat-30 ta' Gunju, 2014*) ahna ser inkomplu noffrulek is-servizzi b'rati separati ghat-TV, it-Telefown u l-Internet."* L-istess kuntratt ma jghix li tali komunikazzjoni ghandha ssir bil-miktub izda ssir fuq Freephone 80072131 jew izzur wiehed mil-hwienet ta' GO qabel it-30 ta' Gunju, 2014.

Sfortunatament dan huwa wiehed minn hafna kwistjonijiet li jilqalghu bejn is-socjeta' attrici u l-klijent taghhom meta jiskada l-kuntratt, fejn l-klijent mhux mgharraf li jrid

jirritorna l-kaxxi u sa' kemm ghandu zmien biex jirritorna l-istess kaxxi, u fejn huwa ghandu rasu mistrieha li jista jwaqqaf is-servizz fil-freephone number u li ma hemm xejn xi jghid li dan jista jsir bil-miktub.

Dan it-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jiddubitax lil konvenuta meta tghid li f'Awwissu, 2014 hija infurmathom li trid twaqqaf is-servizz u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici qed tintlaqa' limitatament ghal dak dovut sal-ahhar ta' Lulju, 2014 bl-intendiment car li tali kuntratt is-socjeta' attrici ghandhom tirriformhom fis-sens li jkunu cari fir-rigward ta' wiehed x'ghandu jagheml meta jaghzel biex jittermina s-servizz u li jekk jinqeda bil-freephone number ghandu jsaqsi ghall-isem tal-persuna li maghha jkun tkellem.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghall-ammont dovut sal-31 ta' Lulju, 2014 u jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont dovut sal-31 ta' Lulju, 2014 bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

It-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Awtorita' Maltija tal-Komunikazzjoni u lil Awtorita' ta' Malta tal-Kompetizzjoni u Affarijiet tal-Konsumatur.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**